**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 26 ta' Jannar, 2017**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Silvio Magro]**

**vs**

**William Batey**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' William Batey detentur tal-karta tal-identita' numru 411957(M)

1. Talli bejn Gunju 2011 u April 2015, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta Malta,b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti,li kienu kisru l-istess disposizzjoni tal-

ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Kap 9 Art 18)

2. Talli sab xi passaporti (*ċertifikati tal-identità, dokumenti ta'identifikazzjoni legalment validi maħruġa minn awtorità kompetenti għal skopijiet ta' vjaġġar*) u ma kkonsenjahomx fl-Uffiċċju tal-Passaporti jew lill-Pulizija fi żmien tmienja u erbgħin siegħa minn x'ħin sibthom (Kap 61 Art 2)

3. Xjentement issopremetta jew b' xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat. (Kap 9 Art 111 (2)

4. Sab xi haga mobbli li ma kinitx tezor, minghajr ma raddha lill-pussessur taghha ta' qabel, jekk kien maghruf: inkella minghajr dewmien ma ghaddihiex f' idejn il-Pulizija. (Kap 16 Art 564(1)

5. Giet f' idu xi arma tan-nar, jew munizzjon xort' ohra, u ma avzax lill-Kummissarju, li ghandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu fil-kustodja tal-Pulizija jew ghand min ikun qed jirrapporta l-kaz. (Kap 480 Art 41)

6. Zammejt f' xi fond jew kellek fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu f' xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellek licenza (Kap 480 Art5 (1), 51 (2)

7. Akkwista, zamm u l-pussess ghal-liema ghan ikun tal-armi

regolari u l-munizzjon imsemmija fl-Iskeda I (Kap 480 Art3 (a), 51 (1a)

8. Zamm fil-pussess tieghu jew f' xi fond xi arma tan-nar minn dawk elenkati taht it-Taqsima I tal-Iskeda III kemm-il darba ma kinitx saret dikjarazzjoni lill-Kummissarju dwar dak il-pussess jew intenzjoni ta' uzu. (Kap 480 Art 35(3)

9. Kull min ikollu licenza biex jakkwista, jikkummerca jew ikollu fil-pussess tieghu armi tan-nar biex dawn jintuzaw f'attivitajiet sportivi, ghandu jzomm inventarju kif imiss tad-depozit ta' munizzjon li kellu skont regolamenti maghmulin taht dan l-Att. (Kap 480 Art 46)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 49 (2) ta' l-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti.

Rat in-Not ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 12 ta' Mejju, 2016 (esebita a fol. 149 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 2, 8(2)(3), 10 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 111(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 564(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 41, 51(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 5(1), 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 3(a), 51(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) Fl-artikoli 35(3), 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
i) Fl-artikoli 46, 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
j) Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2016 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-14 ta' April 2015 sar rapport[1] lill-Pulizija Ezekuttiva minn Patrick Murgo fil-kapacita' tieghu ta' Head of security Services fi hdan l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn huwa rraporta li wara spezzjoni li kien ghamel ta' ufficju fl-ewwel sular tal-ajruport, li sas-7 ta' April 2015, kien okkupat mill-imputat odjern William Batey li sa dik id-data kien jokkupa l-kariga ta' Security Manager,

[1] Vide okkorrenza a fol. 8 u 9 tal-atti processwali

kienu instabu diversi dokumenti u oggetti projbiti li ma kellhomx jinzammu hemm. Wara li saret spezzjoni mill-Pulizija fl-imsemmi ufficcju instabu dokumenti konsistenti f' licenzji tas-sewqan, karti tal-identita' u credit cards[2] f' kexxun fid-desk fl-imsemmi ufficcju kif ukoll diversi oggetti konsistenti fi skieken, armi tan-nar, imwies, manetti, ponnijiet tal-hadid u munizzjon li kienu msakrin f' showcase. Wara l-ispezzjoni giet mibdula is-serratura tal-bieb tal-ufficcju u x-showcase giet sigillata. Fuq uhud minn dawn l-affarijiet li kienu fil-vettrina kien hemm indikat li dawn kienu 'for MIA security purposes'. L-affarijiet li kienu fil-vettrina gew sigillati f' kaxxi wara li gew fotografati mill-Forensic Unit[3] u sar inventarju li jinsab inserit a fol. 27 et sequitur tal-atti processwali.

Fis-16 ta' Lulju 2015 l-imputat William Batey gie nterrogat mill-Pulizija fejn irrilaxxja l-istqarrija li tinsab inserita a fol. 5 sa 7 tal-atti processwali fejn huwa kkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' security manager fi hdan l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta bejn l-1 ta' Lulju 2011 u s-7 ta' April 2015. Huwa kkonferma li kien beda' jokkupa l-ufficcju fejn instabu l-affarijiet in dizamina sentejn wara li beda' jahdem fl-ajruport u sostna li immedjatament qablu dan l-ufficcju kien okkupat minn Patrick Cuschieri, li kien Head of Security u kien il-kap tieghu, u spjega ulterjorment li l-oggetti li kienu jidhru fir-ritratti li wrewh il-Pulizija kienu diga' fil-vettrina meta huwa dahal fl-ufficcju u kienu jintuzaw ghat-training tal-impjegati addetti mas-security li jaghmlu l-iscreening tal-bagalji li jmorru fil-hold u tal-hand luggage L-imputat qal li qatt ma sar handover formali jew inventarju tal-oggetti li kien hemm fil-vettrina la meta ha l-ufficcju minghand Cuschieri u l-anqas meta telaq mill-impjieg tieghu mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA) izda spjega li ufficjali bhal Simon Grima,

[2] Inseriti a fol. 23
[3] Ritratti a fol. 26

Marisa Cilia u anki membri tal-korp tal-pulizija li kienu jahdmu l-ajruport kollha setghu jikkonfermaw li dawn l-oggetti fil-vettrina kienu ilhom hemm minn qabel huwa ma beda jokkupa l-ufficcju u li kienu jintuzaw ghat-training. Huwa qal inoltre li meta nstabu oggetti illegali fuq il-passiggiera huwa dejjem informa lill-Pulizija. L-imputat qal ukoll li d-dokumenti li nstabu huwa qatt ma kien rahom u ma kienx jaf bihom.

Illi l-imputat ikkonferma dak kollu li qal fl-istqarrija meta ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju 2016 fejn huwa spjega ulterjorment li huwa kien irrizenja mill-impjieg mal-MIA fit-2 ta' April 2015 u dan sabiex jibda impjieg iehor fir-Renju Unit u fis-7 ta' April 2015 kien irritorna lura l-master key u l-pass lil Patrick Murgo u nghata reference letter tajba hafna mill-MIA. L-imputat rega' rribadixxa li l-affarijiet li kien hemm fil-vettrina fl-ufficcju li kien ha over minghand Patrick Cuschieri kien sabhom hemm u jghid li dawn kienu prohibited items li kienu jintuzaw for training purposes ghall-istaff li jaraw l-iscreening machines kemm in kwantu jirrigwarda l-hand luggage kif ukoll il-luggage li kien imur fil-hold. L-imputat qal li l-ufficju tieghu kien qieghed fuq sistema ta' master key u ghalhekk kemm Patrick Cuschieri kif ukoll Simon Grima u s-security office kellhom kopja tal-master key. Huwa specifika li tul iz-zmien li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Security Manager kull meta nstabet xi arma tan-nar jew xi munizzjon dejjem gew involuti immedjatament l-AFM u l-Pulizija. Huwa sostna li fl-ufficcju tieghu kienu jidhlu regolarment nies mill-AFM, pulizija u security staff iehor tal-MIA u l-oggetti li kien hemm fil-vettrina kienu ben vizibbli ghal kullhadd u hadd qatt ma rrileva xejn dwarhom. Huwa rribadixxa wkoll li d-dokumenti li gew esebiti f' dawn il-proceduri u li kienu jikkonsistu f' karti tal-identita' u credit cards huwa qatt ma kien rahom qabel u spjega li meta kienu jinstabu dawn it-tip ta' dokumenti dejjem kienu jinghataw lill-Customer

Care fi hdan l-MIA li mbaghad kienu jirrilaxxjaw ricevuta sabiex dawn jigu mghoddija lill-passiggiera li jkunu tilfuhom meta ssir il-claim relattiva.

Illi meta f' Settembru 2015 l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur ikkomunika permezz tal-email[4] ma' Patrick Cuschieri li kien jokkupa l-kariga ta' Head of Security u kien is-superjur tal-imputat sa Jannar 2015 dan ikkonferma l-ezistenza tal-vettrina sa minn meta kien jokkupa l-ufficcju hu u qal li l-oggetti li kien hemm fiha kienu intizi ghal ragunijiet ta' training u kienu labelled sabiex jindikaw dan. Huwa qal ukoll li dawn l-oggetti kienu jinzammu msakrin u kienu registrati f' dokument li kien jinzamm mid-Dipartiment tas-Sigurta'. Illi huwa rega' kkonferma dan kollu meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' April 2016 fejn qal ukoll li d-dokumenti li nstabu fl-ufficju in dizamina huwa qatt ma kien rahom.

Ikkunsidrat:

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali indika diversi artikoli tal-ligi kemm tal-Kodici Kriminali kif ukoll tal-Kap. 61 u tal-Kap.480 abbazi ta' liema huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat izda l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat jistghu essenzjalment jinqasmu fi tnejn u cioe' dawk li jirrigwardaw id-dokumenti esebiti a fol. 23 u 24 tal-atti processwali fejn l-imputat qed jigi akkuzat li sab tali dokumenti ta' identifikazzjoni u ma nfurmax lill-Pulizija jew lil-awtoritajiet koncernati fiz-zmien stipulat fil-ligi (Artikoli 2, 8(2)(3) u 10 tal-Kap. 61) kif ukoll is-sejbien ta' oggetti mobbli li ma ghaddiex f' idejn il-Pulizija (Artikolu 564(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u min-naha l-ohra dawk l-imputazzjonijiet li jirrigwardaw il-pusses

[4] Vide email a fol. 45 u 46

u jew sejbien ta' armi u munizzjon u armi ohra li huma skedati taht il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Sejbien ta' dokumenti ta' identita' u credit cards.</u>**

Illi kif indikat aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza l-imputat dejjem sostna li huwa qatt ma kien sab, ra jew qatt kellu fil-pussess tieghu id-dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 23 u 24 tal-atti processwali. Illi wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat sab dawn id-dokumenti, jew li dawn kienu fil-pussess tieghu u li huwa m' ghaddihomx lill-awtoritajiet koncernati skond il-ligi. Dan jinghad mhux biss ghaliex l-imputat jinnega b' mod assolut li qatt ra jew kellu fil-pussess tieghu dawn id-dokumenti izda principalment ghaliex ghadda perjodu ta' zmien minn meta l-imputat ivvaka l-ufficcju fit-2 ta' April 2015 sakemm imbaghad instabu dawn id-dokumenti u sar ir-rapport de quo. Dan ifisser li dawn id-dokumenti setghu tqeghdu fil-post fejn instabu minn haddiehor f' dan il-perjodu u una volta li jezisti dan id-dubju dan ghandu jimmilita favur l-imputat li ghalhekk jista' jitqies li rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa qatt ma ra jew sab id-dokumenti in dizamina u konsegwentement ma setghax jghaddihom lill-awtoritajiet koncernati.

**<u>L-imputazzjonijiet rigwardanti l-oggetti misjuba fil-vettrina.</u>**

Kif diga' spjegat aktar il-fuq l-imputat dejjem sostna li l-oggetti li kien hemm fil-vettrina sabhom hemm meta dahal fl-ufficcju minflok Patrick Cuschieri li kien is-superjur tieghu meta dan tal-ahhar irriloka f' ufficcju

iehor. Din il-Qorti setghat tikkonstata li Cuschieri kkonferma li kien huwa li kreja din il-vettrina fejn kienu jitpoggew prohibited items li kienu jintuzaw ghal skopijiet ta' training ta' security staff u kienu labelled f' dan is-sens u kienu registrati f' sistema li kienet tinzamm mis-segretarja tieghu. L-imputat ukoll ikkonferma li dawn l-oggetti li kienu nstabu fil-vettrina kienu jintuzaw ghat-training izda qal li seta' kien hemm uhud minnhom li ma kienux labelled. L-imputat qal li huwa qatt ma ra jew inghata inventarju ta' dawn l-oggetti u din il-Qorti setghat tikkonstata li tali inventarju qatt ma gie esebit f'dawn l-atti u meta xehed Patrick Murgo dan qal li tali dokument qatt ma nstab. Dan jikkorrobora dak li qal l-imputat u mhux lil Cuschieri u l-Qorti ma tarax ghalfejn m' ghandiex temmen lill-imputat u ghalfejn min-naha l-ohra ghandha temmen lil Cuschieri kif tirritjeni l-Prosekuzzjoni specjalment meta wiehed iqis li fuq kollox l-istess Cuschieri kellu kull interess li ghid li l-oggetti kienu kollha labelled izda mbaghad m' ghaddiex sabiex jispecifika liema mill-oggetti li nstabu fil-vettrina meta saret l-ispezzjoni ma kienux hemm fi zmienu. Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-oggetti li nstabu fil-vettrina kienu ilhom hemm ghall diversi snin kif isostni l-imputat u ghalkemm huwa jikkonferma li dawn kienu fl-ufficcju tieghu huwa jghid ukoll li dawn kienu propjeta' tal-MIA u l-Qorti jidrilha li kienu s-superjuri tieghu, l-ewwel Patrick Cuschieri u mbaghad Murgo li ha over minghand Cuschieri meta dan telaq, li kellhom ir-responsabilita' konnessa mal-pussess ta' dawn l-oggetti fi hdan l-MIA.

Fir-rigward tal-armi, munizzjon u skieken il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza li ma ngabitx il-prova konsistenti f' espert ex parte li jiccertifika li uhud mill-oggetti li nstabu fil-vettrina huma fil-fatt skedati taht il-Kap. 480 u cioe' li huma armi illegali jew projbiti. L-unika prova li

ngabet tikkonsisti f' ritratti, inventarju u dokumenti rilaxxjati mill-Forensic Unit fi hdan il-Korp tal-Pulizija. Jigi rilevat inoltre li dawn l-oggetti lanqas biss gew esebiti formalment f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li tirrizulta r-rejita' la ghall-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat taht il-varji artikoli tal-Kap. 480 u ndikati mill-Avukat Generali u wisq anqas ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**